# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2017**

**Kawża Nru 26**

**Rik. Nru. 919/11 JRM**

Mario **FALZON**

vs

**DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Settembru, 2011, li bih ir-rikorrent talab li l-Qorti ssib (a) li n-Nota ta' Qbid maħruġa kontrih mid-Direttur intimat fid-19 ta' Mejju, 2011, ma tiswiex għaliex il-konfiska tal-vettura tiegħu bis-saħħa tal-imsemmija Nota saret bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u (b) li, f'kull każ, li tordna l-ħelsien tal-imsemmija vettura mill-konfiska ordnata bis-saħħa ta' dik in-Nota għall-finijiet tal-artikoli 72 u 73 tal-istess Ordinanza, ukoll kieku kellha ssib li ma tħallasx id-dazju fuq il-kunsinna ta' sigaretti li nstabu fiha, għaliex tali konfiska hija waħda sproporzjonata meta mqabbla mal-valur tas-sigaretti msemmija u tad-dazju li kellu jitħallas fuqhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur intimat fit-18 ta' Ottubru, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex, fid-dawl tal-fatti li wasslu

għall-ħruġ tal-Ordni attakkat, in-Nota ta' Qbid ħarġet b'ħarsien sħiħ tal-liġi[1]. Żied jgħid li l-kwestjoni tal-isproporzjonalita' taqa' 'l barra mis-setgħat ta' din il-Qorti li tqis ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. F'kull każ, jisħaq li l-konfiska tal-vettura hija konsegwenza maħsuba fil-liġi u kien ir-rikorrent li ġabha b'idejh ladarba naqas li jħallas id-dazju fuq is-sigaretti li nstabu fiha. Fakkar li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Diċembru, 2009, ir-rikorrent kien instab ħati li ffroda lill-Gvern ta' Malta minn taxxi u dazju dovuti fuq sigaretti u xorb taħt il-liġijiet doganali u tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat il-provvediment tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013[2], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tas-7 ta' Marzu, 2013, laqgħet it-talba biex iqajjem "kwestjoni kostituzzjonali" biex jgħid li l-artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jikser il-jedd fundamentali tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu kemm taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għaddiet biex tqis l-imsemmija "kwestjoni" f'Sede Kostituzzjonali;

Rat is-sentenza tagħha (bħala Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali) tat-23 ta' Ottubru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li r-rikorrent ma kienx ġarrab l-ebda ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt il-Konvenzjoni u lanqas taħt il-Kostituzzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2014[3], li bih tat lir-rikorrent żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2015, li biha irrinunzja għan-Nota ta' Sottomissjonijiet u kif ukoll għal sottomissjonijiet ulterjuri għal dawk li kien ressaq fil-proċeduri tal-"kwestjoni" kostituzzjonali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur intimat fl-14 ta' Mejju, 2015[4];

[1] Kemm l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) u kif ukoll l-Att dwar is-Sisa (Kap 382)
[2] Paġġ. 66 – 9 tal-proċess
[3] Paġ. 79 tal-proċess
[4] Paġġ. 82 – 8 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal rilaxx ta' vettura maqbuda b'Nota ta' Qbid minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju ta' kunsinna sigaretti li nstabet fiha. Ir-rikorrent jisħaq li l-konfiska saret bi ksur tal-liġi u li, f'kull każ, hija waħda sproporzjonata meta mqabbla mal-valur tas-sigaretti li nstabu fiha u mal-ammont ta' dazju li seta' kien dovut fuq l-imsemmija kunsinna;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex, fid-dawl tal-fatti li wasslu għall-ħruġ tal-Ordni attakkat, in-Nota ta' Qbid ħarġet b'ħarsien sħiħ tal-liġi. Żied jgħid li l-kwestjoni tal-isproporzjonalita' taqa' 'l barra mis-setgħat ta' din il-Qorti li tqis ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. F'kull każ, jisħaq li l-konfiska tal-vettura hija konsegwenza maħsuba fil-liġi u kien ir-rikorrent li ġabha b'idejh ladarba naqas li jħallas id-dazju fuq is-sigaretti li nstabu fiha. Fakkar li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Diċembru, 2009, ir-rikorrent kien instab ħati li ffroda lill-Gvern ta' Malta minn taxxi u dazju dovuti fuq sigaretti u xorb taħt il-liġijiet doganali u tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud;

Illi, fil-qosor, il-fatti li jirrigwardaw il-kwestjoni u li joħorġu mill-atti juru li fid-19 ta' Mejju, 2011, wara tagħrif li ngħata, saret tfittxija minn fizzjali tad-Dipartiment tad-Dwana u kif ukoll minn uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija f'dar fi Triq Bormla u f'remissa fi Triq il-Gardjola, fil-Fgura[5]. Waqt l-imsemmija tfittxija, kienet involuta vettura[6] – il-vann tar-rikorrent tal-għamla *Mitsubishi L200* reġistrat HAO-694 – li fiha nstabu erbgħa u disgħin (94) pakkett tas-sigaretti, filwaqt li fir-remissa nstabu tlitt elef erba' mija u ħdax-il (3411) pakkett ta' sigaretti u xi kaxxi ta' xorb alkoħoliku li fuqhom ma kienx tħallas dazju[7];

Illi dakinhar id-Direttur Ġenerali intimat qabad il-vettura tar-rikorrent ukoll[8] billi kienet irmunkata minn fuq il-post. Fit-30 ta' Awwissu, id-Direttur Ġenerali intimat ħareġ ukoll żewġ Noti ta' Qbid, waħda rigward

---

5 Xhieda ta' Carmel Attard 4.10.2012, f'paġġ. 28 sa 32 tal-proċess
6 Xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla 4.10.2012, f'paġġ. 33 – 6 tal-proċess
7 Ara Dokti "CA1" u "CA2" f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess
8 Ara Dok "CA3", f'paġ. 27 tal-proċess

is-sigaretti u x-xorb maqbuda[9] u l-oħra rigward il-vettura[10]. Fl-imsemmija Nota, il-vann kien meqjus li jiswa tlitt elef u mitejn euro (€ 3,200);

Illi fir-remissa ta' Triq il-Gardjola (li r-rikorrent kien jikri mingħand wieħed Saviour Desira) wkoll instabu kwantitajiet ta' sigaretti li fuqhom ma kienx tħallas dazju. Minħabba li dak il-ħin ir-rikorrent kien ħassu ħażin u ttieħed l-isptar, id-dħul mill-fizzjali tad-Dwana fir-remissa sar bi żgass fil-preżenza tal-Pulizija;

Illi b'riżultat ta' dik is-sejba, tnedew proċeduri kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li għadhom qegħdin jinstemgħu. Min-naħa tiegħu, wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Qbid, ir-rikorrent fetaħ proċeduri quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2011, biex jitlob ir-rilaxx tal-vettura maqbuda;

Illi meta dik il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, fit-3 ta' Marzu, 2013, ir-rikorrent qajjem il-"kwestjoni" kostituzzjonali b'rikors u din il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu fil-provvediment tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013;

Illi b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2014, din il-Qorti (fil-vesti tagħha ta' Qorti Sede Kostituzzjonali), sabet li r-rikorrent ma kienx ġarrab ksur tal-jedd tiegħu fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li jeħtieġ li jsiru dwar il-każ li jinsab quddiem il-Qorti jirrigwardaw l-aktar il-kwestjoni tal-konfiska tal-vettura u s-siwi ta' tali konfiska meta l-oġġetti li nstabu fiha ma kienx tħallas id-dazju fuqhom. Bħala fatti, ma jidhirx li hemm xi dubju li ġol-vettura maqbuda kien hemm oġġetti (sigaretti) li fuqhom ma kienx tħallas dazju. L-intimat ressaq provi ċari b'xhieda u bi provi dokumentali dwar dan kollu, li r-rikorrent bl-ebda mod ma seħħlu jew ipprova jirribatti. Ħareġ ċar ukoll li l-vettura kienet tar-rikorrent u nstaqet sal-post minnu stess. Minbarra dan, instabu ħwejjeġ oħrajn (sigaretti u xorb alkoħoliku) f'remissa li r-rikorrent kien jikri u li fuqhom ukoll ma kienx tħallas dazju. Ir-rikorrent ma kienx persuna reġistrata mad-Dipartiment tad-Dwana biex jagħmilha ta' operatur ta' maħżen tas-Sisa. Mill-provi, ħareġ li r-rikorrent kien ilu xi erba' (4) snin jikri r-remissa mingħand sidha Desira u li r-rikorrent biss kellu ċavetta tagħha għaliex lanqas is-sid ma kellu kopja, kif irriżulta dakinhar li l-fizzjali tad-Dwana u l-Pulizija riedu jidħlu fiha u kellhom jiżgassaw il-bieb fil-preżenza tas-sid;

[9] 59/2011, Dok "KD2", f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[10] 60/2011, Dok "KD1", f'paġ. 11 tal-proċess

Illi l-konfiska tal-vettura min-naħa tad-Direttur intimat saret bis-saħħa tal-artikolu 68 tal-Ordinanza dwar id-Dwana li, fil-parti rilevanti tiegħu, jipprovdi li "*68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati*";

Illi d-Direttur intimat jisħaq li l-vettura mertu ta' din il-proċedura kienet tintuża mir-rikorrent biex, bil-mod il-mod, iġorr u jbigħ minn fuq l-idejn l-oġġetti li nstabu fil-maħżen. Iżid jgħid ukoll li r-rikorrent kien ilu mdaħħal f'din l-imġiba u li wkoll kien ħabat difrejh mal-liġi f'minn tal-anqas okkażjoni oħra xi sentejn qabel din il-ġrajja u nstab ħati mill-Qorti;

Illi element essenzjali biex konfiska taħt l-imsemmi artikolu 68 tkun imħarsa mil-liġi hu li jrid jintwera li min kien qiegħed juża l-mezz tal-ġarr kien jaf (il-liġi tuża l-kelma "*xjentement*") li dak il-mezz kien qiegħed jintuża għal xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu. Dawn iċ-ċirkostanzi jirreferu għall-importazzjoni, jew l-iżbark, it-twarrib, it-tiżmim, il-ħabi jew il-ġarr ta' xi oġġetti li fuqhom ma jkunx tħallas id-dazju. Huwa stabilit ukoll li jaqa' fuq id-Direttur li juri bi provi sa grad tajjeb mitlub mil-liġi li tali użu kien wieħed konsapevoli[11] u n-negliġenza jew l-iżball ġenwin mhumiex biżżejjed biex isejsu l-element tax-xjenza[12];

Illi mill-ġabra ta' provi mressqa mid-Direttur intimat joħroġ ċar biżżejjed li r-rikorrent kien jaf li l-oġġetti li kellu fir-remissa u kif ukoll fil-vettura maqbuda kienu ħwejjeġ li fuqhom ma kienx tħallas dazju. Fil-fehma tal-Qorti, joħroġ ukoll l-element tal-intenzjonalita' fir-rikorrent ukoll fl-użu li kien qiegħed isir mill-istess vann tiegħu. Inzerta li meta hu stess saq il-vann biex jiltaqa' mal-fizzjali tad-Dwana (għaliex kien irċieva telefonata biex juri karozza oħra li huwa kellu għall-bejgħ), kien qiegħed iġorr fih biċċa mill-kunsinna ta' sigaretti bla dazju mħallas fuqhom. Ma ntweriet l-ebda ċirkostanza li r-rikorrent ma kienx jaf x'kien qiegħed iġorr jew li kien indaħal xiħadd ieħor minn wara dahru biex qiegħed dawk l-oġġetti fil-vann tiegħu bla ma kien jaf hu;

Illi ladarba ntwera li r-rikorrent kien tabilħaqq jaf x'inhu għaddej u x'użu kien qiegħed isir mill-vann, il-qbid ta' dik il-vettura ma setax ikun wieħed kontra l-liġi u daqstant ieħor in-Nota ta' Qbid inħarġet kif trid il-liġi;

---

[11] Ara b'eżempju P.A. SM **5.12.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Żammit et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana et*** (appellata) u P.A. LM **8.2.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Armando Chircop et noe vs Kontrollur tad-Dwana*** (mhix appellata)

[12] P.A. MCH **12.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Manġion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** (appellata)

Illi ladarba huwa stabbilit il-fatt tal-għarfien jew il-konsapevolezza tal-użu min-naħa tar-rikorrent, ftit li xejn jibqa' siwi fil-kunsiderazzjoni tal-proporzjonalita' li huwa jqanqal bħala waħda mir-raġunijiet biex din il-Qorti tordna t-tħassir tan-Nota ta' Qbid. Minbarra dan, għalkemm huwa minnu li l-valur tal-kunsinna ta' sigaretti misjuba fil-vettura maqbuda huwa ta' ftit mijiet ta' ewro, dan irid jitqies fid-dawl tal-fatt li l-valur sħiħ ta' ħwejjeġ (sigaretti u xorb alkoħoliku) li fuqhom ma kienx tħallas dazju misjuba fir-remissa taħt il-kontroll tar-rikorrent kien jisboq il-valur dikjarat tal-vettura. Għalhekk, b'dan il-kejl, lanqas jista' jingħad li l-qbid tal-vann jikkostitwixxi xi sanzjoni mhux proporzjonata mal-valur ta' dazju li ma tħallasx u li l-istess vettura kien ippruvat li ntużat biex iġġorr il-ħwejjeġ li fuqhom ma kienx tħallas dazju;

Illi għaldaqstant, it-talba tar-rikorrent mhijiex mistħoqqa u mhix se tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**20 ta' Ġunju, 2017**